KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 75

**It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 75.1 Qari tal-Apoloġiji

75.1.1 Is-SE infurmat li ma rċevietx ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera.

### 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

75.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

75.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 73 u 74 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 75.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

75.3.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE ffirmaw l-MoU mal-Clean Malta u s-servizz beda jaħdem sew.

75.3.2 Is-Sindku informa li għada se jwaqqgħu l-arkati tal-pjazza.

75.3.3 Is-Sindku informa li ġew periti min-naħa tal-Housing Embellishment Projects Co Ltd biex jaraw il-problemi strutturali li hemm f'diversi binjiet li kienu mibnija mill-Gvern madwar l-Imtarfa.

75.3.4 Is-Sindku rringrazzja bil-qalb lill-Kunsilliera kollha kif ukoll lis-SE, l-amministrazzjoni u l-ħaddiema tal-Kunsill tad-dedikazzjoni tagħhom.

### 75.4 Punti Oħra

75.4.1 Is-SE talbet lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li tinfetaħ sejħa għal skrivana fuq bażi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tmexxi b'din is-sejħa.

75.4.2 Is-SE preżentat kopja tar-risposta għall-Management Letter lid-Direttur, lill-Awditur Ġenerali kif ukoll lill-awdituri tal-Gvern. Hija tat spjega tal-kontenut u rrimarkat li din id-darba kienu naqsu ħafna aktar punti minn fuq il-lista. Il-Kunsill qabel mar-risposta u kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jiffirmawha.

75.4.3 Il-Kunsill qabel li jagħti l-użu tal-librerija kif ukoll is-sala lid-Depiro għall-ammont ta' €1,000. Dan kien se jkopri wkoll it-tindif tal-kmamar.

75.4.4 Il-Kunsillier Fenech preżenta award li ngħata mill-Baden Powell Scouts f'isem il-Kunsill Lokali.

## 75.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

75.5.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 06/2024), kopja tagħha mehmuża.

75.5.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 75.6 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

75.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-5:55pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 11 ta' Ġunju fis-6:00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv